MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 608/2002/1

**Ceiling Systems Limited**

**vs**

**D & S Lifts Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Gunju, 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' elfejn sitt mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm2625) rappresenanti valur ta' seba' 'air conditioners' tal-marka 'Fuji Electric' konsenjati lis-socjeta' konvenuta fuq talba taghha stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici peress li s-socjeta konvenuta qatt ma xtrat ‘air-conditioners’ minghand is-socjeta’ attrici u l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici;
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenuti pprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet in kontestazzjoni ghat-talba maghmula mill-kumpanija attrici f’dan l-avviz, huma naqsu li jipproducu provi in kontestazzjoni u biex jirribattu l-provi prodotti mill-kumpanija attrici li pproducew bhala xhud lil Joseph Farrugia illi kkonferma illi effettivament kien sar bejgh ta’ seba’ ‘airconditioning units’ lill-kumpanija attrici bil-prezz kumplessiv ta’ elfejn, sitt mija hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm2,625).

Oltre l-‘invoice’ relattiva esebita a fol. 18 tal-process l-istess xhud Joseph Farrugia ikkonferma illi l-istess ‘units’ mibjugha u kkonsenjati kienu ghadhom fil-pussess tal-kumpanija konvenuta infatti kienu jinsabu elevati mill-poter ta’ l-istess konvenuti b’effett ta’ mandat ta’ Qbid Kawtelatorju li l-kumpanija attrici kienet ottjeniet kontra l-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata, u ghaldaqstant il-

Qorti qedgha tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn sitt mija, hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm2,625) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Novembru, 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha. L-aggravji taghha huma s-segwenti:-

(I) Hi tissottometti illi ma nghatatx l-opportunita` ta' smiegh xieraq;

(II) L-ewwel Qorti ma kellhiex, fil-meritu, tasal ghall-konkluzjoni li waslet fiha stante li x-xhieda tas-socjeta` attrici ma kienet xejn konvincenti;

Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju l-inkartament tal-kawza jipprovdi dan il-kwadru:-

(a) Fit-28 ta' Mejju 2003 xehed Joseph Farrugia ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, li rega' xehed fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2003. F' din l-ahhar seduta, kif jidher mill-verbal a fol. 15, l-atturi ddikjaraw li m' ghandhomx aktar provi u l-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenuti ghat-3 ta' Dicembru 2003. Jigi notat li f' din l-istess seduta tas-16 ta' Ottubru 2003 la deher ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u lanqas l-avukat taghha;

(b) Fit-3 ta' Dicembru 2003 regghu la dehru l-konvenuti u lanqas id-difensuri taghhom. Il-kawza ghalhekk giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Marzu 2004. Ara verbal a fol. 19;

(c) Fis-26 ta' Jannar 2004 is-socjeta` konvenuta pprezentat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, li minhabba opposizzjoni tal-kontro-parti (ara

risposta a fol. 25), gie michud b' digriet tal-Qorti moghti fis-17 ta' Marzu 2004;

(d) Il-kawza giet eventwalment deciza fis-16 ta' Gunju 2004;

Mill-fatti ri-epilogati jidher car illi kien hemm nuqqas ta' attendenza tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta kif ukoll ta' l-avukat difensur taghha. Dan zgur fiz-zmien meta l-kawza kienet imhollija ghall-provi taghha;

Issa jekk hu minnu illi l-Qorti ghandha d-dover li tassigura li l-ligijiet ta' procedura jservu biex jaghtu l-opportunita` lil persuna mharrka biex tiddefendi ruhha, daqsant iehor pero` dawn l-istess ligijiet ta' procedura jipprovdu illi "jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, <u>fil-kawzi quddiem il-qrati nferjuri</u>, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher" (Artikolu 201, Kapitolu 12);

Din id-disposizzjoni hi ben kjara u ftit li xejn thalli lok ghall-interpretazzjoni. Kif drabi ohra ntqal "konsiderat li l-Qorti Civili tal-Magistrati ghandha tmexxi l-kawzi sommarjament, bl-akbar heffa li tkun kompatibbli ma' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja, ma jokkorrux elementi li jwasslu lil din il-Qorti ta' revizjoni li ticcensura l-*iter* processwali kif kondott minn dik il-Qorti ..." – "**Allied Insurance Services Limited *nomine* -vs- Richard Azzopardi**" Appell, sede Inferjuri, 24 ta' Marzu 2000;

B' aktar precizjoni gie deciz ukoll illi "din il-Qorti ma tirravvizax fil-mod kif gew kondotti l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti xi rritwalita` jew ksur tal-principju '*audi alteram partem'*. Dan il-principju ma jimportax illi f' gudizzju huwa imprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut

effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cioe` kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni ta' kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament" – "**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975, citata b' approvazzjoni fil-kawza fl-ismijiet "**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997;

In bazi ghas-suesposti konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt l-ewwel aggravju ma jimmeritax akkoljiment;

Dwar it-tieni aggravju ma jidherx li hu l-kaz li l-Qorti titbieghed mir-ragunament li ghamlet l-qorti nferjuri. Dik il-Qorti mxiet fuq l-unika prova attendibbli li kellha quddiemha, senjatament ix-xhieda ta' Joseph Farrugia (fol. 12) u d-dokument esebit (fol. 18) li fuqu hemm il-firma tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Dan hu hekk presumibbli in kwantu dan l-istess dokument ma gie bl-ebda mod konfutat. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tinoltra ruhha biex tezamina s-sensiela ta' supposizzjonijiet u kongetturi additati mis-socjeta` appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------